L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 23 ta' Jannar, 2004

**L-Air Malta: bejn kliem u fatti**

L-Air Malta kienet fl-ahbarijiet sikwit fl-ahhar gimghat. Bhal hafna azjendi ohra – pubblici jew privati – donnu wasal il-mument li dwarha nsiru nafu sewwasew f'hiex tinsab. Huwa aktar minn car – issa – li dawk id-dnubiet hoxnin li nzammew mohbija apposta minn ghajnejn il-poplu sar-referendum u sa l-elezzjoni, qeghdin jitilghu fil-wicc. Issa beda jberraq bl-ikrah! Ghax, kif jghidu, id-dnub ma jorqodx!

Il-ministru responsabbli mill-Air Malta, Austin Gatt, ipprova jimpressjona kemm m'ghandux kantunieri meta tkellem fil-Parlament waqt il-*Budget*. Cama kemm felah fuq dak jew l-iehor biex jipprova jwaddab it-tort prezenti ta' l-Air Malta fuq kulhadd – minbarra mill-gvern tieghu! Imma, kif jigri sikwit – anzi, b'mod kroniku jew endemiku ghal dan il-Gvern – bejn il-kliem u l-fatti hemm kontradizzjonijiet enormi.

L-ewwel htija tefaghha fuq xi 200 haddiem li ddahhlu fl-Air Malta qabel l-1987. Qal li kienu zejda. Qal li tort taghhom l-Air Malta tghabbiet b'pizijiet enormi. Qal li dawk il-pizijiet baqghu jkarkru s'issa. Dan x'qal Austin Gatt.

Il-fatti huma xort'ohra. Austin Gatt nesa li bejn l-1992 u l-1996, habib kbir tal-PN u li kien tpogga jmexxi l-Air Malta, Joe N. Tabone, ippermetta li jigu mpjegati aktar minn 300 haddiem gdid. Mhux biss il-fatt li l-ammont kien sproporzjonat, imma wkoll il-mod kif iddahhlu u kif inghataw promozzjonijiet goffi li johloq hafna mistoqsijiet… Bizzejjed harsa hafifa lejn il-mijiet ta' processi fit-Tribunal ghall-Investigazzjoni dwar l-Ingustizzji biex ikollna bl-iswed fuq l-abjad il-guffagni (biex ma nghidx hnizrijiet!) f'dak li sar!

Imma l-aghar decizjonijiet li qatt hadet l-Air Malta ma kinux dawk li jirrigwardjaw kemm jiddahhlu nies jahdmu maghha. Fl-istorja shiha ta' 30 sena mindu twaqqfet (fl-1973), l-aghar decizjoni kienet dik li jinxtraw l-RJ Avroliners – ajruplani li mill-bidunett li kienu juru li ma jghoddux ghall-Air Malta! Mhux biss kienet nefqa enormi ta' mijiet ta' miljuni ta' dollari, imma kien jidher mill-bidunett li jrid isir nfieq ta' miljuni ohra biex jithaddmu.

Interessanti kif dik id-decizjoni ttiehdet meta l-Air Malta kellha digà kellha flotta bdoti, inginieri u *cabin staff* imharrgin fuqhom. Imma, le! Kumbinazzjoni jew mhix, dik il-habta kien ghadu kif gie Malta Douglas Hurd, dak in-nhar Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tal-Gvern ta' Thatcher: li gie appozitament iwieghed lill-Gvern Nazzjonalista l-appogg biex Malta tiddahhal fl-UE! U, ballec, kumbinazzjoni jew mhix, il-Gvern u l-Air Malta mmexxija minn Tabone ddecidew li jixtru l-Avroliners li jinhadmu fl-Ingilterra!!! Izda kif jghidu kull qalb trid ohra!

Naf biss – anzi, nafu lkoll kemm ahna – li dik kienet u baqghet l-aghar decizjoni li qatt ittiehdet minn u dwar u ghall-Air Malta fi 30 sena shah! Damdmet il-finanzi tal-kumpanija u harbtet ghal kollox l-operat taghha. Jirrakkontaw l-inginieri nfushom kif kienu jsiefru kull titjira biex ikunu hemm jekk tizviluppa xi hsara f'ajruport barrani… kienu jgorru *spare-parts* fuq kull titjira… akkost li Avroliner wiehed igorr il-passiggieri u Avroliner iehor imur fl-istess destinazzjoni jgorr il-bagalji tal-passiggieri – spiza doppja ghal kull titjira!!!

Tisma' stejjer bhal dawn, forsi jaqbdek id-dahk! Imma tibki meta tiftakar kif sar dan l-investiment ta' mijiet ta' miljuni minn flus il-poplu – ma ninsewx li l-Gvern dejjem kellu fuq 94% ta' l-ishma ta' l-Air Malta – miljuni nvestiti f'isem il-poplu kollu!

Imma l-fatti sagrosanti ma jiqfux hawn. Fl-istess zmien (1992-96), l-Air Malta dahlet fi shab b'49% ta' l-ishma biex twaqqfet l-imbierka jew l-imsejkna Azzurra Air. U l-Air Malta mmexxija minn J.N. Tabone, li kienet digà bdiet thoss l-effetti hziena ta' l-RJ's li kienet twikkiet bihom hi stess, dahlet biex xtrat tlieta ohra bhalhom imma ftit akbar ghall-Azzurra Air!!! Mhux biss ma nidmitx mill-izball, izda ppersistiet u ghamlet it-tieni zball!!!

U ghalhekk, mill-bidunett din il-kumpanija sussidjarja kienet ukoll predestinate li tfalli u fil-fatt hekk gara, ghax l-Azzurra Air qatt ma qabdet art hew hadet ruh – hlief ghal sen awahda biss meta fl-1998 bdiet tistejqer bis-sahha ta' ftehim li Louis Grech kien lahaq ma' l-Alitalia! Imma, minkejja dan, il-mazzra finanzjarja taghha kellha tibqa' tingarr mill-kumpanija omm, l-Air Malta.

Dawn kienu l-fatti li hadd ma jista' jmeri. Fatti li Austin Gatt konvenjentement pogga fil-genb biex, jattakka lill-haddiema "zejda" u lill-ex-Chairman Louis Grech li dak iz-zmien kien digà gie elett kandidat Laburista ghall-elezzjonijiet Ewropej – wara karriera brillanti fit-tmexxija tal-grupp kollu ta' l-Air Malta!

Bhas-soltu, skond il-metodi tattici tal-PN, Austin Gatt ipprova jipponta subghajh lejn min ta' hiltu kollha biex ifejjaq il-feriti, minflok gieghel lill-Gvern tieghu jammetti l-"*mea culpa, mea maxima culpa*"! Jekk din mhix konvenjenza politika, ma nafx x'naqbad insejhilha!!!

Biex il-kuntradizzjoni tkompli tikber, lanqas lahqu ghaddew hames gimghat mix-xalata ta' Austin Gatt fil-Parlament, li l-Air Malta (li skond hu ilha mghobbija b'nies zejda sa mill-1987!), dahlet maghha f'impjieg permanenti 140 persuna li kienu *part-time* tul is-sajf!

Ir-rizq lilhom li nghataw impjieg – fi zmien ta' sensji f'kull settur! Imma u imma kbira, ghaliex inghataw impjieg issa? Ghaliex ddahhlu dawk fi grad industrijali biss biex jahdmu fl-ajruport meta l-Air Malta digà taf li m'ghandhiex xoghol bizzejjed ghal mijiet li digà ghandha proprju f'dak is-settur?

Ikun ferm interessanti kieku l-Air Malta pubblikament tfisser jekk din kinitx decizjoni politika jew kummercjali! Ikun ta' interess ghall-Maltin u l-ghawdxin kollha li f'isimhom il-Gvern ghandu fuq 94% ta' l-ishma fl-Air Malta, jekk jinghataw spjegazzjoni ghal din id-decizjoni.

Jekk xejn inkunu nafu hix xi ripetizzjoni tad-decizjoni politika li jinxtraw l-Avroliners fis-snin 90. Inkunu nafu hix decizjoni politika biex jibda l-process li jitwarrbu u jitilfu hobzhom dawk il-mijiet li bnew u bdew l-Air Malta mill-qiegh 30 sena ilu! Inkunu nafu fuq kollox jekk dawk li 30 sena ilu ghajruhom bl-"ghasafar tac-comb" humiex issa qeghdin jikkontemplaw kif ihottu kumpanija kbira li qatt ma ttalbet lill-Gvern imma dejjem irrendiet lill-pajjiz sakemm ma waqghetx f'idejn il-vandali!!!

Bir-ragun li l-haddiema fl-Air Malta u fil-kumpaniji sussidjarji taghha jhossuhom imbezzghin. Bir-ragun li l-GWU harget twiddeb lil min qed imexxi l-Air Malta li mhix lesta taccetta manuvri bhal dawn. Bir-ragun li l-pajjiz kollu jistenna spjegazzjoni tal-fatti u mhux paroli!

Ghal kummenti jew suggerimenti lornav@onvol.net